**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001**

**Numru 8**
**Citaz. Nru. 816/93 FD**

**Paul Pullicino**

**Vs**

**Lorraine Pullicino, mart Paul, xebba Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fil-25 ta' Ottubru 1986 l-attur izzewweg lill-konvenuta liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku kif jidher mic-certifikat taz-zwieg anness mac-citazzjoni (Dok A);

Premess illi dan iz-zwieg huwa null peress illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja matrimoinjali, u dwar id-dmirijiet u d-drittijiet essenzjali taghha u minhabba anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li twettaq id-dmirijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u/jew ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat peress illi l-konvenuta, ghalkemm mhux interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fil-mument taz-zwieg, anke minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali u ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, iz-zwieg li sehh bejn il-partijiet fil-25 ta' Orttubru 1986.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat il-Verbal tat-18 ta' Marzu 1994 li permezz tieghu l-avukat Dr. Anthony H. Farrugia informa l-Qorti li kien ser jippattrocina lill-konvenuta u l-istess konvenuta spjegat ghaliex kienet ghadha ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Kif ukoll il-Verbal tas-16 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu l-avukat Dr. Lorraine Schembri Orland infurmat lill-Qorti li kienet ser tippatrocinja lill-konvenuta izda b'dana kollu ma gietx ipprezentata n-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, lanqas wara l-Verbal tad-9 ta' Dicembru 1999;

Rat id-Digriet taghha tal-15 ta' Novembru 1994 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Joe Refalo bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u wara jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol 129 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tad-19 ta' April 2001;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur pprezenta din ic-citazzjoni fejn talab li l-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg minnu kkontrattat mal-konvenuta fil-25 ta' Ottubru 1986; dina t-talba huwa ghamilha fuq il-premessa li l-kunsens tal-konvenuta kif vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u anomalija psikologika serja, u ppremetta wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u/jew ta' wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg; u illi l-konvenuta ghalkemm ma kienetx interdetta jew marida b'mohhha ma kellhiex setghat intellettwali u ta' rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens necessarju ghaz-zwieg;

Illi minn naha taghha l-konvenuta ma pprezentat ebda nota ta' eccezzjonijiet pero` tat ix-xhieda taghha bl-affidavit kif ukoll permezz ta' l-intervent taghha waqt is-seduti;

Illi rrizulta b'mod car li dan kien zwieg mghaggel hafna u ghalkemm iz-zewg partijiet ikkonfermaw li huma kienu jhobbu lil xulxin ma hemmx dubju li z-zwieg fih innifsu gie pprecipitat mill-fatt li l-konvenuta harget incinta wara li kellha relazzjoni ma' l-attur; jirrizulta li ma saret l-ebda preparazzjoni ghaz-zwieg tant illi lanqas biss kellhom dar fejn jghixu ghalkemm mir-rizultanzi processwali jidher li dan ma kienx dovut ghal xi nuqqas ta' mezzi finanzjarji; certament il-genituri tal-konvenuta ma kienux ta' ezempju tassew ezaltanti anzi bosta drabi nsibu li huma kienu jikkontribwixxu ghat-tahwid bejn il-konjugi

kontendenti. L-istorja moghtija miz-zewg kontendenti anki jekk ghal kollox konflingenti taghti stampa cara ta' koppja illi qatt ma kellhom relazzjoni serja ta' koppja mizzewga - l-attur dejjem imsiefer, daqqa hawn u daqqa hemm, u jidher ovvju li kellu bosta hbieb nisa li maghhom kellu relazzjonijiet intimi; waqt li l-konvenuta ma kienetx tonqos fil-parti taghha ta' l-infedelta` u dan kellu effett ukoll fuq it-tifel taghhom illi kien diehel u hiereg jew fl-istitut jew fl-isptar. Il-Qorti ma tistax ma tirrelevax illi fi zmien meta l-konvenuta kienet harget tqila mir-relazzjoni taghha ma' l-attur kellha madwar sittax-il sena biss u kien indahal ukoll Patri Benjamin Galea biex jipprova jghin lill-kontendenti fil-problema taghhom, u ghalkemm b'mod ambigwu saret ukoll referenza ghal xi idejat li kien hemm biex il-konvenuta tikkommetti abort u tehles mit-tarbija li kienet sejra tweled;

Illi l-konvenuta tipprova taghti impressjoni li r-relazzjoni taghha mal-familjari taghha kienet wahda normali pero` minn ezami tal-process jidher illi sa minn meta kellha biss erbatax-il sena kienet diga` tant imgerfxa li kienet tkecciet mill-iskola u tpoggiet taht il-kura ta' social worker;

Illi f'dawk ix-xhur li l-kontendenti kienu bdew johorgu ma' xulxin qabel iz-zwieg, kien hemm ukoll bosta inkwiet bejniethom tant li l-istess gherusija kienet giet interrotta aktar minn darba u kienet biss il-gravidanza tal-konvenuta illi zammithom flimkien saz-zwieg;

Illi rrizulta wkoll li l-kontendenti kienu jabitaw f'diversi postijiet pero` il-konvenuta qatt ma kienet kuntenta u f'dawn il-postijiet kienu jghixu biss ftit tal-gimghat u insegwitu spiccaw ghand missier il-konvenuta stess. Fi zmien ta' meta kienu jghixu ghand omm l-attur il-konvenuta kienet dejjem tiggieled ma' ommu u rrizulta wkoll illi l-konvenuta kienet anki sahansitra terfa' idejha fuq omm l-attur u din il-vjolenza giet anke rrapportata lill-pulizija u ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenuta;

Illi fost ir-relazzjonijiet extra-matrimonjali tal-konvenuta certament kien hemm dik mal-kugin taghha Ronnie li mieghu jidher li ghadha tghix fil-prezent u minnu ghandha anki ulied u l-Qorti tifhem illi din ir-relazzjoni bl-iskuza tal-fatt illi huwa kien il-kugin taghha kienet tezisti wkoll, f'xi forma jew ohra, anki qabel iz-zwieg. Id-dokumenti ta' Suor Stefania Caruana juru kemm kienet irregolari fil-kura taghha ta' l-ulied anki dawk li twieldu wara li spiccat minn ma' l-attur u jidher li kulhadd kien jattribwixxi dan in-nuqqas taghha ghal fatt li kellha *depression*; dan hu wkoll konfermat bil-fatt li wara li kellha l-ewwel tifel il-konvenuta ddahlet il-psychiatric unit ta' l-isptar tbati proprju minn *depression* u t-tifel gie mehud fil-Creche ghand is-sorijiet, izda l-istess konvenuta tattribwixxi dan l-istat psikologiku taghha ghal "*baby blues*";

Illi fl-opinjoni li s-social worker Godwin Steer ta dwar il-konvenuta, u dan wara li kien segwiha ghal bosta snin u cioe` sa minn meta kellha erbatax-il sena, huwa jikkonsidraha li kienet

immatura biex tiehu decizjonijiet u kienet ukoll persuna avventuruza;

Illi l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet tar-relazzjoni peritali u ghal kull buon fini taddottaha u taghmilha taghha u senjatament dwar il-prova li l-konvenuta kienet nieqsa mid-diskrezzjoni mehtiega biex ikollha l-kunsens biex tidhol fi zwieg u li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ma kienetx haga leggera imma kien nuqqas serju; il-Qorti mhix ser toqghod tidhol fit-tul dwar il-problemi serjissimi li l-konvenuta kellha fit-trobbija taghha u t-tahwid taz-zewg genituri taghha, pero` certament sitwazzjoni bhal din ma ghinitix biex tistabbilixxi l-ekwilibbriu mehtieg halli tkun tista' tasal ghal decizjoni hekk importanti bhal ma hija dik meta wiehed jintrabat fiz-zwieg;

Illi fix-xhieda tieghu l-attur jipprova jghid illi kienu gew mohbija minnu hafna dettalji importanti bhal ma kienu il-problemi reali li kien hemm fil-familja taghha u anki il-fatt li hija kienet diga` hadet kura psikjatrika qabel iz-zwieg; b'dana kollu l-Qorti tifhem li l-attur seta' facilment jikkontrolla l-posizzjoni b'mod li jkun jaf aktar dwar il-mara li kien ser jiehu fi zwieg u ghalhekk huwa naqas milli jiehu l-prekawzjonijiet minimi qabel jizzewweg;

Illi mir-rizultanzi processwali l-Qorti taqbel li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u dan peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat kemm minhabba nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ukoll bl-eskluzzjoni pozittiva

taz-zwieg u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa’ t-Talba ta' l-attur u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Ottubru 1986.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur